Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2005

Numru 902/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**

v

**NATALE BONELLO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **NATALE BONELLO** ta' tletin sena bin Joseph w Emanuela nee Hili, imwieled San Giljan nhar t-tnejn ta' Frar 1975 u residenti 104, Triq Carlo Manche, Gzira, detentur tal-karta tal-identita` numru 568675M gie imressaq quddiemha akkuzat talli b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghad li ma kienx wiehed mill-persuni msemmija fil-paragrafi 'a','b' u 'c' tal-artikolu 42 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, xjentement ghen jew assista lil awtur u cioe lil

Comment [s1]: Wieled San Giljan nhar t-tnejbnt a' Fra4r

Lorita Pace fil-kommissjoni ta’ zewg serqiet u/jew fl-atti li bihom l-imsemmija delitti gew ippreparati u/jew ikkonsmati u cioe,

a. Fit-tlieta ta’ Ottubru 2005, ghal habta tas-sebgha ta’ filghaxija, f’serqa ta’ flus minn ‘Genesis Perfumery’ fi Triq il-Mensija, San Gwann;

b. Fid-disgha w ghoxrin ta’ Awissu 2005, ghal habta tal-hamsa ta’ filghaxija, f’serqa ta’ mobile phone tal-ghamla Samsung mill-hanut ‘The Fixx’, fi Triq ix-Xatt, Gzira, liema serqa hija aggravata bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin;

c. Talli fit-tnejn ta’ Gunju 2005, bejn s-siegha w nofs ta’ wara nofsinhar u l-erbgha w nofs ta’ wara nofsinhar, flimkien ma Alberta Amato, ikkommettew serq ta’ flus mill-‘Ees N Jays Saloon’ fi Triq c-Cieda, San Gwann;

d. Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi rredna ruhu recidiv wara li nstab hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

e. Talli kiser il-provvediment tal-artikolu 28 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza datata tlieta w ghoxrin ta’ Settembru 2005 meta kien instab hati ta’ hadd ta’ akkuzi ta’ komplicita f’serq w inghata sentenza ta’ sena prigunerija sospiza ghal tlett snin taht ordni ta’ supervizzjoni liema sentenza saret definittiva.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom s-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif preseduta fil-konfront tal-imputat nhar s-sitta w ghoxrin ta’ April 2004 markata bhala dokument TS a fol 41 tal-atti, kif wkoll l-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat sitta ta’ Ottubru 2005 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja [fol 15].

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-

kompetenza taghha ta’ Gudikatura Kriminali fis-seduta ta’ nhar s-sitta ta’ Ottubru 2005 meta sarlu l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta [fol 18].

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta ta’ nhar l-erbatax ta’ Novembru 2005.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sbatax ta’ Ottubru 2005 **xehdet Catherine Cachia** [fol 32] fejn ikkonfermat li nhar t-tlieta ta’ Ottubru 2005 kienet ghamlet rapport l-Ghassa tal-Pulizija ta’ San Gwann li kien hemm xi nies li hadulha xi sittin lira fi flus mill-hanut ‘Genesis’ sitwat fi Triq il-Mensija, San Gwann.

Qalet li hi ma kienet rat lil hadd jiehu dawn il-flus pero kellha suspett f’ zewg persuni li kienu dahlu fil-hanut ftit qabel, wahda minnhom l-imputat odjern li gharfet presenti fl-awla. Qalet li kien ghal habta tas-sebgha neqsin ghaxra meta kienu fil-hanut u l-imputat beda jistaqsiha biex jara xi fwieha u oggetti ohra u kien vicin il-cash. Qalet li dawn t-tnejn minn nies qalulha li kienu ser igibu l-flus mill-karozza pero ma rritornawx u wara meta fethet il-cash, indunat li l-flus li kellha ma kienux hemmhekk u ghalhekk marret dritt l-Ghassa San Gwann. Nies ohra fil-hanut ma kienx hemm dak l-hin. Qalet li dakinhar kienet kwieta hafna u kull minn dahal u xtara kien hallasha. Mistoqsija jekk qattx rat lil imputat fil-hanut qabel dakinhar, x-xhud wiegbet fin-negattiv. Qalet li oggetti ohra mill-hanut ma kienx hemm nieqsa. Qalet li l-imputat u l-persuna l-ohra kienu qed jitkellmu bejniethom u telqu t-tnejn flimkien.

Illi nhar s-sbatax ta’ Ottubru 2005 **xehdet Jacqueline Cassar** [fol 34] fejn qalet li hi l-proprjetarja tal-hanut bl-isem ‘Genesis Perfumery’ f’San Gwann. Hi kkonfermat li nhar t-tlieta ta’ Ottubru 2005 ma kienetx fil-hanut fil-hin tal-incident pero s-salesgirl taghha infurmata li xi hadd kien dahal fil-hanut u seraq sittin lira mill-cash. Qalet li s-salesgirl kienet qaltilha wkoll li dak l-hin kienet wahedha fil-hanut.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Ottubru 2005 **xehed PS 419 Anton Buttigieg** [fol 51] fejn qal li fit-tlieta ta’ Ottubru 2005 ghal habta tas-sebgha w nofs ta’ filghaxija kienet marret l-Ghassa San Gwann certa Catherine Cachia li ghandha l-‘Genesis Perfurmery’ f’San Gwann, taghmel rapport li ghal habta tas-sebgha neqsin ghoxrin ta’filghaxija kienu dahlu zewg tfajliet u wahda minnhom kienet talbitha biex tara xi fwejjah u l-ohra qaghdet hdejn l-bank. Qalet li wahda minnhom qaghdet tghodd il-flus u wara telqu ‘l barra u ma xtraw xejn peress li ma kelliex flus bizzejjed. Qal li din qaltlu li ma setgha kien hadd li seraqha ghajr dawn iz-zewg tfajliet ghaliex ma kien hemm hadd izjed fil-hanut. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument PS 1 [fol 54].

Illi nhar s-sbatax ta’ Ottubru 2005 **xehed PS 909 Paul Buhagiar** [fol 28] fejn qal li nhar d-disgha ta’ Settembru 2005, ghall-habta tal-ghaxra w ghoxrin ta’ filghodu kienet marret certa Michelle Franssen tirrapporta li nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Awissu 2005, mill-hanut bl-isem ‘The Fish’ kienu hadulha mobile tal-marka Samsung ghal valur ta’ erbgha mitt dollaru. Esibixxa l-okkorrenza relattiva mehuda minn WPC 218 Marica Polidano li giet mmarkata bhala dokument PS. [fol 30]. Mistoqsi jekk hu kellimx lid-derubata x-xhud wiegeb li kellimha b’mod hafif pero kien investiga l-kaz haddiehor.

Illi nhar s-sbatax ta’ Ottubru 2005 **xehdet Michelle Franssen** [fol 36] fejn stqarret li hi ghandha hanut fil-Gzira bl-isem ‘The Fixx’ u li nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Awissu 2005, f’xi hin kienu dahlu xi nies fih. Qalet li hi dak l-hin kienet fuq wara tal-hanut taqdi zewg persuni ta’ nazzjonalita Ciniza, u kienet halliet l-mobile taghha taht l-cash register. Qalet li meta qdiet lil dak l-klijent, marret lura biex taghmel telefonata minn fuq il-mobile taghha tal-ghamla Samsung mudell flip, pero ma sabitux. Qalet li ppruvat iccempel minn fuq t-telephone set tal-hanut ghal fuq l-mobile taghha, u ma semghetux u fil-pront ziedet tghid li kieku kien fil-pusess taz-zewg Cinizi, kienet tisimghu jdoqq. Qalet li anke ccekkjat l-basktijiet taghhom pero ma kienx hemm.

Ghalhekk ghalqet il-hanut u marret tfittex lil dawk in-nies li kienu dahlu fil-hanut taghha waqt li kienet fuq qed taqdi l-klijenti Cinizi. Qalet li wiehed minnhom kien l-imputat.

Hi esibit dokument li juri x-xiri ta' dan il-mobile u kemm swieha u cioe erbgha mitt dollaru li gie mmarkat bhala dokument S [fol 38]. Ziedet tghid li l-imputat qatt ma kien rega' mar lura fil-hanut taghha wara d-disgha w ghoxrin ta' Awissu 2005. Qalet li damet m'ghamlet r-rapport minhabba n-natura tax-xoghol taghha u peress li ghandha familja u hasbet li ma kelliex tidhol f'xi nkwiet.

Illi nhar s-sbatax ta' Ottubru 2005 **xehdet Joan Farrugia** [fol 39] fejn qalet li hi ghandha hanut f'San Gwann bl-isem 'E's & J's' u nhar t-tnejn ta' Gunju 2005, ghall-habta tas-saghtejn ta'wara nofsinhar kienet marret persuna b'xaghrha twil u staqsitha jekk kelliex parrokki u bdiet taqbdilha mal-prodotti li kellha fuq l-ixkaffa u riedet tixtri gel li jiswa zewg liri u hamsa w sebghin centezmu. Qalet li f'xi hin dahlet Alberta Damato minn San Gwann, li kienet tafha u staqsitha jekk il-persuna l-ohra kienetx maghha, peress li qabel kienu flimkien.

Qalet li l-persuna li kienet talbitha biex tara l-parrokki, li gharfet bhala l-imputat presenti fl-awla, qaltilha li kienet sejra barra biex iggib il-flus ghaliex ma kelliex bizzejjed. Qal li dan mar fil-parapett u beda jcempel minn fuq il-mobile u wara ftit rega'dahal fil-hanut u t-tnejn li kienu bdew jaqbu xi affarijiet ohra u hi bdiet tohodhomlom minn idejhom u tpoggihom f'posthom u wara ftit telqu t-tnejn 'l barra. Qalet li hi kellha t-till box mimli bil-flus, xi hamsa w erbghin lira li sabithom neqsin u warajhom hadd ma kien dahal izjed. Qalet li qatt ma kienet rat lil imputat fil-hanut taghha qabel dan l-incident. Qalet li hi tafu peress li minn San Gwann.

Illi nhar s-sbatax ta' Ottubru 2005 **xehed l-Ispettur Joseph Mercieca** [fol 47] fejn ikkonferma l-istqarrija markata bhala dokument TS a fol 41 tal-atti. Qal li l-imsemmija stqarrija giet rilaxxjata mill-imputat li gharaf presenti fl-awla wara li kien nghata s-solita twissija u kien ghazel li jiffirma fuq l-erbgha faccati taghha. Hu gharaf

kemm il-firma tieghu, dik ta’ PC 91 Patrick Pisani kif wkoll tal-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ma xehdtx f’dawn il-proceduri ghalkemm irrilaxxja stqarrija li tinsab esibita a fol 11 tal-atti. Minn ezami ta’ din l-istqarrija l-imputat ma jammettix li ha sehem f’xi serqa jew b’xi mod ghen jew assista l-awtur f’xi serqa. Anzi jirrizulta l-oppost, li hu lanqas biss kien jaf bis-serqa.

Ili dwar s-serqa mill-fond The Fixx, fix-xatt tal-Gzira, jirrizulta kemm mix-xhieda tad-derubata Michelle Franssen li hija kellha suspett fl-imputat pero jirrizulta wkoll li appena ndunat li xi hadd kien serqilha l-mobile hija marret taghmel tfittxija ghal imputat, sabitu u fittxet fil-basket tieghu, liema tfittxija rrizultat fin-negattiv. Dan jikkonfermah l-imputat stess. Illi ghalhekk fid-dawl ta’ din il-prova, l-Qorti ma thossx li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi.

Dwar is-serqa mill-fond ‘Ees N Jays Saloon’ fi Triq c-Cieda, San Gwann li sehh nhar t-tnejn ta’ Gunju 2005, ma jirrizultax li l-Prosekuzzjoni staqsiet xi domandi lil imputat fuq din is-serqa, minn ezami tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat w ghalhekk din il-Qorti trid tistrieh biss fuq dak li qalet d-derubata biss.

Joanne Farrugia tghid biss li dahlet persuna b’xaghra twil li gharfet bhala l-imputat presenti fl-awla, tistaqsiha ghal xi parrokki, pero ma ha xejn ghalkemm wera interess li jixtri xi affarijiet izda ma xtara xejn. Qalet li minnufih innutat li kellha t-till box nieqsa.

Issa minn dawn il-provi ma jirrizultax lil Qorti min kien li seraq t-till box, jekk hux l-imputat jew xi terza persuna li kienet mieghu.

Illi mill-provi prodotti zgur li ma jirrizultax li kien hemm xi pjan komuni bejn l-imputat u l-persuna li kienet mieghu biex wiehed minnhom jisraq u l-iehor jassistih w ghalhekk

fid-dawl tas-suespost, din it-tieni akkuza ma tirrizultax lanqas.

Dwar t-tielet serqa, u cioe dik mill-fond ‘Genesis’ jirrizulta bla dubbju ta’ xejn, li verament l-imputat kien fil-hanut fil-gurnata tas-serqa flimkien ma terza persuna skond l-istqarrija tieghu, certa Alberta Amato, u li xtaq jixtri xi oggetti pero flus ma kellux bizzejjed u ghalhekk telaq ‘l barra.

Illi Catherine Cachia tghid li l-imputat kien vicin il-cash waqt li l-persuna l-ohra, kienet fil-hanut ftit l-boghod. Hija ndunat bis-serqa mill-cash wara li l-imputat telaq ‘l barra. Ikkonfermat li nies ohra fil-hanut ma kienx hemm u li kien l-imputat biss hdejn il-cash. Illi l-imputat fl-istqarrija tieghu jichad li fil-fatt seraq minn dan il-fond, ghalkemm ma jichadx li kien vicin il-cash waqt li kien fil-hanut.
Il-Qorti thoss li veru s-salesgirl ma ratux jisraq pero c-cirkostanzi huma tali li jwasslu lil Qorti temmen li kien l-imputat li seraq lil Catherine Cachia. Fil-fehma tal-Qorti dawn huma provi cirkostanzjali li jwasslu lil Qorti sal-grad rikjest mill-ligi tghid li kien l-imputat li seraq s-sittin lira li sabet nieqsa Catherine Cachia mill-cash.

Illi jirrizulta wkoll li l-imputat huwa recidiv kif jirrizulta mis-sentenza esibita fl-atti bhala dokument JS a fol 41 u mill-fatt li l-Prosekuzzjoni giet ezentata milli tressaq xhud t’identita ta’din is-sentenza fil-konfront tal-imputat kif del resto jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-erbgha w ghoxrin ta’ Ottubru 2005.

Il-Qorti rat wkoll s-sentenza li tinsab immarkata bhala dokument P esibita a fol 16 tal-atti moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ Settembru 2005 fl-ismijiet Il-Pulizija v Natale Bonello fejn l-imputat kien nstab hati li diversi serqiet w inghata sena prigunerija sospiza ghal tlett snin.

Rat l-verbal tad-Difiza tal-erbgha w ghoxrin ta’ Ottubru 2005, fejn l-istess Prosekuzzjoni giet ezentata milli tressaq xhud t’identita fil-konfront ta’din is-sentenza.

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li l-imputat kiser din s-sentenza sospiza peress li qed jinstab hati ta' serq nhar l-wiehed u tletin ta' Ottubru 2005, waqt l-operat ta' l-istess sentenza dokument P.

Il-Qorti ezaminat wkoll l-fedina penali tal-imputat esibita a fol 4 et seq tal-atti, minn frjn jirrizulta li l-imputat diga nstab hati mill-Qrati nostrana f'disgha okkazzjonijiet fuq akkuza ta' diversi serqiet, tlajjar ghal skop ta' prostituzzjoni u pussess ta' droga meta nghata diversi cansijiet sabiex jirriforma ruhu, dan nonostante ma tghallimx u rega' qieghed l-Qorti akkuzat bir-reati odjerni.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, wara li **l-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 28A, 42(a)(b)(c), 49, 50, 284 u 285 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li ma ssibx lil imputat NATALE BONELLO hati tal-akkuza ta' serq mill-hanut 'The Fixx' u 'Ees N Jays Saloon' u tilliberah minnhom filwaqt li tiddikjara li ssibu hati tal-akkuza ta' serq semplici mill-fond 'Genesis' f'San Gwann u ghal din t-tielet l-akkuza tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt xhur peress li qed issibu hati wkoll tali huwa recidiv.**

**Dwar l-akkuza li huwa kkommetta reat waqt l-operat tas-sentenza sospiza, il-Qorti wkoll qed issibu hati taghha w ghalhekk tordna li s-sentenza ta' prigunerija moghtija permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Settembru 2005, tigi fis-sehh u <u>b'hekk l-imputat ghandu jaghmel tmintax il-xahar prigunerija b'kollox</u>.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------